Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 44/2018

Il-Pulizija

Vs

Christian Farrugia

Illum 6 ta' Dicembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christian Farrugia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 297386M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-16 ta' Novembru 2017 u nhar il-21 ta' Novembru 2017 ghall-habta ta' 17:30hrs gewwa l-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Irrifjuta li jaghti access lil wild taht il-kustodja tieghu lil Mirelle Cassar, hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(II) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni. Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christian Farrugia, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Frar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-aggravju/i tieghu u thassar u/jew timmodifika s-sentenza hawnhekk appellata u jekk ikun il-kaz li tikkonferma l-htija tvarja l-piena imposta jekk ikun ragonevolment gustifikat.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Christian Farrugia huma s-segwenti u cioe`:-

Illi minkejja li l-ewwel Qorti rrizultalha ampjament mill-provi migjuba illi l-appellanti kellu obbligu li f'kaz ta' nuqqas ta' qbil jipprovdi access lil Mireille Cassar ghall-minuri binthom nhar ta' Tnejn u Erbgha u minkejja li l-Qorti rrizultalha ampjament illi d-dati li huwa kien akkuzat bihom u cioe` is-16 ta' Novembru 2017 u l-21 ta' Novembru 2017 ma kienux it-Tnejn u l-Erbgha, huwa xorta nstab hati li kiser il-kuntratt ta' separazzjoni u ghaldaqstant instab hati skont l-akkuza;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta persuna tkun akkuzata li "*irrifjutat l-access*" f'hin u data partikolari, il-Qorti ghandha tkun sodisfatta li f'dik il-gurnata u anke f'dak il-hin partikolari, min qieghed jippretendi access kien mar ghall-access u dak l-access gie michud. Illi in kaz in ezami rrizulta li Mireille Cassar baghtet messagg numru ta' sieghat qabel il-hin tal-akkuza li fih talbet biex tara lit-tifla. Irrizulta wkoll li l-istess Mireille Cassar, meta giet infurmata mill-akkuzat li kellha taghtih xi informazzjoni qabel jaghtiha access, la ghaddiet l-informazzjoni u lanqas marret biex tipprattika l-access fil-hin indikat fl-akkuza. Ghaldaqstant huwa inkonklussiv u ghaldaqstant mhux sufficjentement ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi li l-appellant irrifjuta l-access fil-17:30hrs jekk f'dak il-hin ma

kien hemm ebda talba u cahda la permezz ta' mezz ta' telekomunikazzjoni u lanqas personalment;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, il-Qorti lanqas ma kkunsidrat prova li nghatat minn Mireille Cassar stess illi jekk l-appellant irrifjuta l-access, dan ghamlu ghaliex kien qieghed jallega xi nuqqasijiet min-naha ta' Mireille Cassar stess. Ghaldaqstant ladarba l-Qorti ma ndirizzatx din il-kwistjoni, id-decizjoni taghha hija umilment karenti u ghaldaqstant nulla;

Illi infatti, fil-mori tal-perjodu li fih seta' jitressaq dan l-appell u allura wara l-istess sentenza appellata, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), wara li semghet lill-Avukat tat-Tfal, iddecidiet illi Mireille Cassar ghandha jkollha access minghajr ma jkollha "*sleepovers*". Ghaldaqstant issa huwa anke accettat li l-appellant kellu raguni valida li semmai jirrifjuta l-access la darba l-informazzjoni mitluba minnu u cioe` jekk hux minnu dak li kienet qed tallega l-minuri hux minnu, ma kinitx qed tigi michuda mill-istess Mireille Cassar.

Rat l-affidavit ta' PS 1593 A Cachia fejn dan stqarr li nhar is-16 u l-21 ta' Novembru 2017 Mireille Cassar irraportat l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar li hija ghandha tifla minuri flimkien ma Christian Farrugia pero' l-kura u kustodja ta' din it-tifla hi fdata f'idejn Christian. Zidet tghid li ghanda access liberu u cioe' tiftiehem ma Christian u tkun tista' tmur ghat-tifla. Hija stqarret li meta hija marret ghat-tifla nhar it-12 ta' Ottubru huwa ma riedx jaghtihiela. Huwa ghalhekk ghamlet kuntatt ma Christian fejn dan min naha tieghu stqarr illi kellu ordni minghand l-avukat sabix ma jaghthiex access u ghalhekk ma kienx ser jaghtiha. Huwa kien giet infurmat li kienu ser johorgu ic-charges li fil-fatt huma dawn odjerni

Illi Mireille Cassar ma xehdtx quddiem din il-Qorti minkejja li kient xehdet quddiem l-ewwel Qorti pero' jinghad li x-xhieda taghha mhiex dattilografata.

Rat in-nota ta' Mireille Cassar prsentata fir-registru ta' din l-Qorti nhar it-12 ta' Ottubru 2018 li permezz taghha infurmat lil Qorti li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-appellant u Mireielle Cassr lahqu ftehim dwar dak kollu li jirrelata dwar il-kura, kustodja, manteniment u access tat-tifla u li kienu pprezentaw abbozz fil-Qorti Civili

(Sezzjoni tal-Familja) fejn qedin jstsennew l-ezitu ta' l-istess halli ighaddi ghall-publikazzjoni tal- kuntratt hekk kif emendat.

In oltre Mireille Cassar ddikajrat fin-nota taghha prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Novembru 2018 li m'ghandhiex interess f'dawn il-proceduri u li kienet qed tirrinunzja ghal dak kollu renunzjabbli.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u dan fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018.

Ikkunsidrat.

L-artikolu relevant tal-Kodici Kriminali li tieghu l-appellanti nstab hati jghid testwalent hekk fit-test Ingliz "*when ordered by a court or bound by contract to allow access to a child in his or her custody, refuses without just cause to give such access*". L-elementi tar-reat in dizamina u li jridu jigi pruvati mill-prosekuzjoni sal-grad rikjest mil-ligi f' kawzi kriminali huma tlieta u cioe':

a. Illi l-esponenti ghandu l-kustodja tat-tifla,

b. Illi l-esponenti hu marbut b'ordni tal-Qorti

c. Illi l-esponenti rrifjuta li jaghti access lil martu ta' bintha minghajr raguni gusta.

Jinghad li dawn huma proceduri ex ufficcio u ghalhekk min jikser din id-disposizjoni tal-ligi ikun qed jikkommetti kontravenzjoni kontra l-amminsitrazzjoni tal-gustizzja. F'dawn it-tipi ta' akkuzi ghalhekk ma jistax ikun hemm renunzja ghaliex jitmexxew *ex ufficcio*.

Pero essendo proceduri bejn konjugi l-partijiet jistghu jitolbu li jigu ezentati mili jaghtu x-xhieda taghhom ai termini tal-**artikolu 633(2)** tal-kodici Kriminali li jipprovdi is-segwenti:-

633(2) "*Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qiestal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri likieku ma jixtieqx jixhed kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoniċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendentjew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta'ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ,*

*biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnuf'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija"*

Ghalhekk stante li Mireille Cassar ghazlet li tirrunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' zewgha l-appellant din il-Qorti mhux ser tinsisti fuq ix-xhieda taghha u ghalhekk in vista tan nuqqas tax-xhieda taghha u fin-nuqqas tal-prova dokumentarja li hemm l-Ordni tal-Qorti li tipprovdi ghall-access tat-tifla din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal appellant u qed tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilliberah minn kul imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur